# Il-Gżejjer (Gżira) ta' San Pawl

Minn David Bartolo

Il-Gżejjer, jew aħjar, il-Gżira ta' San Pawl huma territorju maqtuħ ftit il-barra mill-kosta ta' Selmun u għalhekk huwa kważi l-aħħar fruntiera bejn il-Mellieħa u San Pawl il-Baħar. Għaliex gżira u mhux gżejjer? Taraha mill-art mill-bogħod taħsibha żewġ gżejjer imma tersaq qribha sew tinduna li hija gżira waħda Il-gżira il-kbira li hija magħrufa bħala Selmun fiha 277 metru b'517 metru tul u għolja mill-baħar xi 24 metru, waqt li ż-żgħira li jisimha Selmunett għandha wisgħa ta' 434 metru b'185 metru tul u għolja xi 8 metri biss. Huma bogħod biss 100 metru mill-art u l-baħar ta' bejniethom huwa baxx ħafna .

Dawn il-gżejjer bdew jissejħu ta' San Pawl minn mindu Salvu Borg, mill-Belt, kien twebbel jagħmel statwa ta' San Pawl u ħallas għaliha 100 skud Din saret fl-1845 mill-iskulturi Sigismondo u Salvatore Dimech. Hija għolja madwar 4 metri u ġiet tiswa 1,654 skud li jiġu madwar 132 lira.

Din ġiet mbierka fil-21 ta Settembru 1845. Din l-istatwa ġiet irrestawrata riċentament fl-1996 minn 'Din l-Art Helwa'. Din l-istatwa saret minħabba t-tradizzjoni qawwija imma mhux dokumentata li l-appostlu San Pawl kellu n-nawfraġju fuq din il-gżira fis-sena 60 W.K.

Matul iż-żmien il-gżejjer kienu ta' ħafna sidien differenti. Fl-1576, il-Gran Mastru La Cassiere offrihom lil Marco de Maria li kien il-kap uffiċċjal navigatur ta' skwadra tal-flotta ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Dan ġara minħabba l-bravura li għamel meta mirkeb Tork ġera wara l-mirkeb ta' dan Marco u dan għadda minn ġol kanal ta' bejn il-Gżejjer u Selmun. Biex seta' jagħmel dan, kellu jwettaq manuvra ta' ħila u ħeffa liema bħala.

L-ewwel ressaq lin-nies mill-pruwa għall-poppa u mbagħad viċe-versa. B'din il-manuvra ħarab mill-għadu filwaqt li dan inkalja u nies il-mirkeb Tork ġew maqbudin.

Wara Marku il-Gżejjer għaddew lit-tifel tiegħu Giovanni u wara lin-neputih Narduccio li nqatel fil-battalja meta l-galjun ta' l-Ordni, is-"Sultana" ġie meqrud mit-Torok.

Fl-1600, it-territorju ta' Selmun għaddew f'idejn il-Kontessa Katerina Vitale, waħda mill-promuturi l-kbar tal-monti tal-fidwa ta' l-ilsiera. Din xtrat din l-art kollha fl-4 ta' Awwissu 1600 b'kuntrat notarili mingħand Sqalli li kien jgħix Sirakusa li kien jismu Don Geronimo Bellomi, prokuratur ta' Don Franciscello u Don Giovanni Platamone. Hu nteressanti l-fatt li dawn il-Gżejjer ma jissemewx f'dan il-kuntratt u għalhekk hemm id-dubju jekk kienux tagħha jew ġew mgħoddija lill-Monti ta' l-Ilsiera li ħalliet il-propjetà tagħha lejh fit-testment tagħha.

Fl-1649, dawn il-Gżejjer ingħataw lill-Kavallier Michelle Torellos y Semenat prijur tal-Katalonja (illum parti minn Spanja) biex jistrieħ u għall-kaċċa tal-fniek.

F'Awwissu tal-1810, il-frejgata Ngliża "Lively" inkaljat fil-kanal ta' bejn il-Gżejjer u Selmun, waqt li fi żmien it-Tieni Gwerra Dinija l-"HMS Loch Durwegan" inkaljat ukoll hawn wara li l-kaptan iddeċieda li jista jgħaddi bejn iż-żewġ gżejjer u



wara dan ġie mgħoddi qorti marzjali. F'dan iż-żmien ukoll, l-Ingliżi għerrqu d-destroyer "Kingston" fil-kanal bejn Selmun u l-Gżejjer biex jimblukkaw dan il-fond u jkunu jistgħu jilqgħu aħjar minn fuq il-baħar l-attakki ta' l-għadu.

Fatt kurjuż ieħor li ġara matul il-ħakma Ingliża kien li r-Royal Navy kienet tuża dawn il-gżejjer bħala post ta' irbit matul l-eżerċizzju ta' rutina tagħha. Waqt tmiem ġimgħa partikolari *crew* tan-Navy għamlu *barbecue* u kissru l-bieb u r-rixtellu tar-razzett li hemm u użawh għan-nar. Sid il-Gżejjer Henri Sant Cassia tant irrabja li fittex n-Navy għad-danni u kellha tħallas l-ispejjeż.

Dan sar sid il-gżejjer meta fl-1958 il-Gvern taha għal tletin sena lill-Baruni Joseph Manduca Azzopardi, li dan wara biegħ biċċa minnha lill-Kaptan R.Smith, il-Maġġur H.Sant Cassia u lil Albert Falzon Sant Manduca. Ir-razzett jinsab fi stat ħażin ħafna u kważi mwaqqa', fejn dan fl-1930 kien abitat minn bidwi u l-familja tiegħu.

Meta dawn telqu, kif għedna, il-Gżejjer bdew jingħataw b'ċens temporanju, imma il-Gvern żamm id-dritt li jħalli lill-pubbliku jżurha. Fl-1990 din reġgħet saret propjetà tal-Gvern u fl-1993 ġiet iddikjarata Riserva Naturali. Ta' min jgħid ukoll li waqt iż-żjara li l-Papa Ġwanni Pawlu Tnejn għamel f'Malta fl-1990 bierek statwa ta' Kristu Baħħar qrib dawn il-gżejjer u wara tniżżlet f'qiegħ il-baħar.

Avolja art żgħira, xorta nsibu ftit natura fejn jikbru xi pjanti bħal kappar, narċis u tiċoks selvaġ, waqt li l-bniedem għamel il-bajtar tax-xewk, iż-żabbar u s-silla. Jgħix abbundanti il-gremxul tal-ħajt u xi kultant ibejtu l-merill u l-bufula l-ħamra fost l-oħrajn.

Hawn illum tajna ħarsa ħafifa lejn dawn il-'Gżejjer' li avolja żgħar u mhux abbitabbli, xorta hemm x'tgħid u taw sehemhom fil-milja taż-żmien fl-istorja ta' ġensna. J'alla jibqgħu fl-istat naturali li għadhom sa llum u ma jinħakmux mill-iżvilupp selvaġġ bl-iskuża tat-turiżmu jew skużi oħra.

**Referenzi:**

Borg Paul P., *Selmun u l-Inħawi*, Malta 1989

Farrugia Randon Stanley & Robert, *Comino, Filfla and St Paul's Island*, Malta 1994

Teuma Eugene Paul, *San Pawl il-Bahar: A Guide*, Malta 2003